**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Dennis Cremona**

**Kumpilazzjoni 306/2017**

**Illum 7 ta' Marzu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Dennis Cremona** detentur tal-karta tal-identitá 365475(M) billi huwa akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe`:

1. Nhar l-20 ta' Lulju 2017 ghal-habta tat-3:30 hrs minn gewwa Pit Stop service station fi Triq l-Imdina, Attard ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma jkunx izjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94), liema serq huwa

kkwalifikat bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Franridge Schembri;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-'Pit Stop service station' liema hsara ma kinitx tiskorri l-elfejn u hames mitt Ewro(€2500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250);
3. Nhar is-17 ta' Lulju 2017 ghal-habta tal-12:15 hrs minn gewwa Pit Stop service station fi Triq l-Imdina, Attard ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma jkunx izjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), liema serq huwa kkwalifikat bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Franridge Schembri;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-'PitStop' service station liema hsara ma kinitx tiskorri l-elfejn u hames mitt Ewro(€2500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250);
5. Fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Lulju 2017 bejn is-18:00hrs u is-7:00 am minn gewwa Petrol station, fi Triq Ghar Dalam, Ghaxaq, ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt Ewro(€2500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) liema serq huwa kkwalifikat bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Stefan u IvanAzzopardi;
6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fl-istess Petrol station liema hsara ma kinitx tiskorri l-elfejn u

hames mitt Ewro(€2500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250);

7. Nhar l-4 ta' Lulju 2017 ghal-habta tal-04:45 hrs minn gewwa Pit Stop service station fi Triq l-Imdina, Attard ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma jkunx izjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), liema serq huwa kkwalifikat bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Franridge Schembri;
8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-'PitStop' service station liema hsara ma kinitx tiskorri l-elfejn u hames mitt Ewro(€2500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250);
9. Talli fl-20 ta' Lulju 2017 fl-22:15 hrs gewwa Fleur de Lys junction, Sta. Venera u f'dawn il-Gzejjer wara li kont ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, kont fil-pussess ta' oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni tieghak minghajr ma tajnt kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandek, inkella nstabu ghandek mfietah, imqabbli jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma tajt kont sodisfacenti ghal liema skoplegittimu instabu ghandek bi ksur ta' Artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li titratta lill- imputat bhala recediv ai termini ta'l-artikoli 49,50 u 289 tal-kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal-reati, b' sentenza ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 228) datata 7 ta' Marzu 2019 permezz taghha baghat lill-imputat Dennis Cremona biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. L-Artikoli 18, 20, 31, 261 (b) (f), 263, 264, 265, 266, 270, 278 (1) (2) u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. L-Artikoli 18, 31 u 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. L-Artikoli 18, 20, 31, 261 (b) (f), 263, 264, 265, 266, 270, 278 (1) (2) u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 18, 31 u 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 18, 20, 31, 261 (b) (c) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278 (1) (2) (3), 279 (a), 280 (1) (2) u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 18, 31 u 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 18, 20, 31, 261 (b) (f), 263, 263, 265, 266, 270, 278 (1) (2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 18, 31, u 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-Artikoli 18, 31 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Fl-Artikoli 31, 49, 50 u 289 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. Fl-Artikoli 7, 8, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23, 23B, 23C, 23D u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
12. Fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
13. Fl-Artikolu 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-7 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 230), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-7 ta' Marzu 2019, u f'liema

seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum 7 ta' Marzu 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Joe Brincat li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti. Kien dikjarat ukoll li l-imputazzjonijiet tnejn (2), erbgha (4), sitta (6) u tmienja (8) servew bhala mezz ghall-fini tar-reat ta' serq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

**Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri meta l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u l-problemi marbuta mal-vizzju tad-droga li kien ghaddej minnhom meta sehhew ir-reati li bihom jinsab mixli tant li llum jinsab *clean* u dan bl-isforz li ghamel waqt li kien taht arrest preventiv.**

Il-Qorti taghmel referenza ghal Il-**Gmiel tar-Riabilitazzjoni**[2]:

> *Min minna ma jagħmilx xi żball fil-ħajja? Anzi, xi darba tant nagħmlu żbalji koroh li mhux biss ikun diffiċli li xi ħadd jaħfrilna, imma lanqas naħfru lilna nfusna. Jgħaddu s-snin u nibqgħu nġorru din l-għoqda fl-istonku tagħna sakemm insibu l-okkażjoni li xi ħadd jgħinna nerġgħu nqumu fuq saqajna – sakemm niltaqgħu ma' xi ħadd u jerġa' jirriabilitana.*
>
> *[...]*
>
> *Kemm għandna bżonn noffru dejjem aktar lil min jiżbalja l-opportunità li jerġa' jirriabilita ruħu! Fil-familji, fis-soċjetà kif ukoll fil-Knisja hemm wisq individwi li ġew imqiegħda fil-ġenb minħabba xi għemil żbaljat tagħhom. Ħafna drabi l-qorti tal-poplu tagħti s-sentenza tal-kundanna, imma mbagħad ma tammettix appell!*

---

[2] L-Isqof Mario Grech nhar Il-Ħamis 3 ta' Awwissu 2017 f'B'Bugia

*Persuni bħal dawn qed jitkarrbu biex jerġgħu jiġu rriabilitati. Mhux qed ngħid li l-ħażin nibdew ngħidulu tajjeb. Żball jibqa' żball; imma persuna li tagħmel l-iżball għandha dejjem tingħata l-possibbiltà li jekk trid u jiddispjaċiha tal-iżball li tkun għamlet, hija ssib l-għajnuna biex terġa' tqum fuq riġlejha u terġa' tibda tikteb paġna ġdida fl-istorja tagħha u tal-familja tagħha.*

*Inħoss li s-soċjetà tagħna għadha ma temminx biżżejjed fil-qawwa tal-proċess tar-riabilitazzjoni. Ikun ħafna aħjar li s-soċjetà, anki jekk b'ħafna tbatija, tirkupra wieħed mill-membri tagħha li jkun żbalja u tgawdi mill-ħiliet varji tiegħu, milli biex tissodisfa s-sens ta' vendetta, tiskarta u tarmi. Aħjar nirriskjaw li dak li jkun nagħtuh il-fiduċja u jerġa'jagħmilhielna, milli nagħlqu l-bieb għal kulħadd, anki għal nies ġenwini li jiżbaljaw u jixtiequ jitwieldu mill-ġdid!*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca fil-gradwazzjoni tal-Caritas fit-23 ta' Gunju 2017 fejn ghaxar persuni li ghelbu l-abbuz tad-droga.

**Il-President appellat lill-awtoritajiet, "*biex lil dawn l-għeżież gradwati tagħna llum, u ta' qabilhom, jkomplu jagħtuhom l-appoġġ li għandhom bżonn.*"**

**Appellat ukoll, biex issa li se jibdew triqithom, jingħataw l-għajnuna li għandhom bżonn, biex jiksbu d-dinjità sħiħa tagħhom.**

**Il-President qalet li filwaqt li huwa importanti li nirrikonoxxu t-tant u tant bidliet għall-aħjar li l-awtoritajiet diversi tagħna għamlu, fil-liġijiet u fil-policies matul is-snin biex nagħtu aktar support lil dawk li**

**jirrijabilitaw ruħhom mill-vizzju tad-droga, *"jinħtieġ li ma nieqfux hawn, iżda nkomplu ntejbu kemm il-liġijiet, kif ukoll il-policies tagħna, biex dawn l-għeżież ħutna u uliedna, jkunu f'qagħda li jilqgħu għall-isfidi u r-realtajiet tal-ħajja."***

**Bħala eżempju, l-President semmiet diffikultà kbira li ħafna jsibu meta jkollhom każijiet pendenti fil-Qorti wara li jkunu spiċċaw il-programm. Hawn, il-President appellat lill-awtoritajiet tagħna biex jindirizzaw din id-diffikultà, *"għaliex għandna sitwazzjonijiet li wħud minn dawn ħutna u uliedna, wara li jkunu spiċċaw il-programm, jibqagħlhom każijiet pendenti għax il-Qorti ma titrattax il-każijiet flimkien, u wħud minnhom saħansitra anke jispiċċaw il-ħabs wara li jkunu irrijabilitaw ruħhom fis-soċjetà."***

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika fil-11 ta' Lulju 2014 waqt gradwazzjoni ohra tal-Caritas:

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna, għad-dulur li ġġib il-ħajja fid-droga".*

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 17, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 267, 270, 278(1)(3), 279(a), 280(2), 287, 289, 325(1)(d) u 533 tal-Kap 9 issib lill-imputat Dennis Cremona hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sena prigunerija.

In konkluzzjoni l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti tordna wkoll wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex l-imputat ihallas is-somma ta' sitt mija , zewg ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (**€602.27**) bhala spejjez peritali rigwardanti dawn il-proceduri u dan fi zmien tliet snin millum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**